

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/336****tat-2 ta' Marzu 2015****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2c tagħha,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK.
- (2) Fil-31 ta' Diċembru 2014, il-Komitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ħassar persuna waħda mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri imposti mill-paragrafi 30 u 32 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) tal-KSNU.
- (3) Għaldaqstant, il-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
D. REIZNIECE-OZOLA

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 352, 24.12.2013, p. 51.

## ANNEX

Titħassar l-entrata fl-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK għall-persuna li ġejja:

Levy YAKITE

---